# Stqarrija

## Ċikonja Sewda tinqatel barra l-Buskett hekk kif jiżdiedu l-għasafar vittmi tal-maltemp

Żewġ Ċikonji Suwed rari u li għandhom protezzjoni għolja waslu fil-gżejjer Maltin it-Tnejn waranofsinhar, biex ifittxu kenn għal-lejl fl-inħawi tal-Buskett. Wieħed mill-għasafar inqatlet b'tiri ta' senter fix-Xagħra tal-Isqof, barra l-Buskett, waqt li ż-żewġ ċikonji kienu qed jiġu ffilmjati minn dawk li kienu qed josservaw l-għasafar.

Iċ-ċikonji kienu fost l-aħħar għasafar li waslu wara l-maltempata tal-Ħadd, li ġabet għadd kbir ta' speċi differenti ta' għasafar tal-passa lejn il-gżejjer Maltin. Iċ-Ċikonja Sewda (*Ciconia nigra*) hija viżitatur rari f'Malta u hija speċi protetta bil-liġi Maltija. Hija ngħatat ukoll l-ogħla protezzjoni taħt l-Anness I tad-Direttiva tal-Għasafar tal-UE u l-Anness A tar-Regolamenti Ewropej dwar il-Kummerċ tal-Ħajja Selvaġġa.

Minkejja dan il-livell ta' protezzjoni, iċ-Ċikonji Suwed għandhom valur għoli fuq l-idejn u hemm domanda kbira għalihom għall-kollezzjonijiet ta' għasafar ibbalzmati, li fil-biċċa l-kbira tagħhom għadhom mhux ivverifikati wara l-amnestiji tal-1996 u tal-2003. Deċiżjonijiet reċenti li jippermettu t-trasferiment ta' karkassi bejn kollezzjonijiet privati jagħtu wkoll opportunità lill-kaċċaturi biex jaħslu dawn il-kampjuni, u jkomplu jżidu d-domanda għal dawn l-ispeċi.

Il-Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta, Nicholas Barbara, qal: "Għasafar bħal dawn iċ-Ċikonji Suwed protetti diġà jkunu kkundannati qabel ma jidhru, u m'hemm assolutament l-ebda rieda politika biex tinbidel is-sitwazzjoni. Minbarra li huma mfittxija għall-kollezzjonijiet ta' għasafar ibbalzmati li għadhom mhux ivverifikati, għandna sitwazzjoni fejn eluf ta' kaċċaturi jkunu barra u l-infurzar tal-liġi jkun limitat."

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta, Mark Sultana, qal: "Dak li rajna fl-aħħar jiem mhu xejn inqas minn massakru ta' għasafar protetti, ferneżija ta' kaċċa indiskriminata li saħansitra ħalliet mara midruba waqt li kienet qed timxi bil-kelb tagħha. Dan huwa inaċċettabbli, u dak li jagħmilha agħar huwa s-silenzju

assolut tal-politiċi lokali tagħna u tal-lobby FKNK. Is-silenzju tal-politiċi bla sinsla itarrax aktar mill-ħsejjes ta' tiri tal-kaċċa li ħa post l-għana tal-għasafar fil-kampanja tagħna matul dawn l-aħħar jiem. Dan is-silenzju mhuwiex newtralità, huwa tmexxija fqira u falliment totali li wieħed jiddefendi l-liġi, is-sigurtà pubblika, u l-wirt naturali tagħna."

BirdLife Malta tappella lill-pubbliku biex jibqa' viġilanti u jirrapporta kwalunkwe każ ta' kaċċa illegali lill-Pulizija fuq 119 jew lil BirdLife Malta fuq 2134 7645. Huwa maħsub li anke it-tieni Ċikonja Sewda inqatlet bejn il-lejl li għadda u dalgħodu. Kull min għandu informazzjoni huwa mitlub jikkuntatjana.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive, BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**

Il-maltemp-fil-Mediterran-igib-ghadd-kbir-ta-ghasafar-lejn-Malta-hekk-kif-jinqatlu-mijiet-ta-Gamiem-flimkien-ma-diversi-speci-protetti.pdf

In-nies-ghandhom-id-dritt-jimxu-fil-kampanja-Maltija-minghajr-ma-jisparaw-fuqhom.pdf

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Filmati:**

1. Filmat qasir ta' 30 sekonda juri ż-żewġ Ċikonji Suwed, li wieħed minnhom inqatel b'tiri ta' senter barra l-Buskett.